MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 415/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lil CD fil-25 ta' Jannar, 1997 fil-parrocca ta' Santa Marija, l-Mosta u z-zwieg huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wara l-iehor tar-registru Nru. 76, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A ;

Illi l-partijiet ottenew is-separazzjoni personali minn xulxin fit-3 ta’ Mejju, 2006 skond il-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. B ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar sitt snin u ma hemm l-ebda prospett ghal-rikonmciljazzjoni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar sitt snin u ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni ;

Illi l-partijiet m’ ghandhomx tfal ;

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut skond l-artikolu 57 tal-Att fuq id-Divorzju (Att Nru. XIV tal-2011, Subtitolu IV) stante li huma ddekadew mid-dritt reciproku ghal manteniment kif hemm miktub f’klawsola 2 tas-separazzjoni ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ai termini tal-Att fuq id-Divorzju tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex l-istess jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Mejju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet ma ghandhomx tfal u illi l-ebda manteniment ma hu dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------